MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 150/2007

Il-Pulizija
(Spt. N. Ciappara)
(Spt. P. Grech)
Vs
Kevin Bellotti

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Gunju, 2004 u matul dawn l-ahhar erba' xhur ta' qabel din id-data, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda :-

a. ikkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar

il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
c. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Marzu, 2007, li biha, wara li rat l-Artikolu 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni izda lliberatu mill-aggravju tat-tieni imputazzjoni li qed jidher taht l-ittra (c) fil-lista ta’ l-imputazzjonijiet, ikkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ tlett mitt lira Maltija (LM300). Il-multa tista’ tithallas f’pagamenti ta’ LM30 kull xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba’ gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut f’daqqa. Kull parti mhix imhallsa tal-multa tinbidel f’jum prigunerija ghal kull LM5 mhux imhallsin.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 t’April, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie dikjarat hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn gie lliberat mill-aggravju tad-distanza dedotta bhala t-tielet imputazzjoni w tirrevoka dik il-parti w fejn gie dikjarat hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta u fejn gie kkundannat ghal ghaxar xhur prigunerija w ghall-hlas ta’ multa ta’ tlett mitt lira (LM300) u minflok issibu hati ta’ pussess semplici tal-pjanta cannabis u tinfliggi piena aktar miti, gusta w idoneja ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’:- 1. li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellant kien hati tat-tieni imputazzjoni li l-pussess tal-pjanta cannabis

kien f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu , kienet konkluzzjoni zbaljata fuq apprezzament irragonevoli tal-provi miguba quddiem l-Ewwel Qorti w li jirrendi s-sejbien ta' htija bhala wiehed *unsafe and unsatisfactory.* Salv li qalet lil-ammont misjub ma kienx wiehed baxx, l-Ewwel Qorti ma adduciet ebda raguni ohra biex tiggustifika l-konkluzzjoni taghha. L-Ewwel Qorti skaratat ghal-kollox il-provi l-ohra li kienu manifestament juru li l-pussess tal-pjanta kannabis kien wiehed intiz ghall-konsum personali.
2. Li ghalkemm l-appellant instab hati ta' koltivar tal-pjanta kannabis, il-fatt li nstab hati ukoll tat-tieni imputazzjoni kellu *impetus* qawwi sabiex il-Qorti tinfliggi piena li kienet meritevoli ghal traffikant ta' droga u mhux ghall-persuna li tkun semplicement tabbuza mid-droga, u kieku ma kienx hekk l-Ewwel Qorti kienet tinfliggi piena fil-minimu permissibbli mill-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu bazat fuq l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-

konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone*." (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit biex tara jekk mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizultax ir-reat ta' pussess aggravat, ossia pussess li mic-cirkostanzi jindika li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (a fol. 8 u 9) **l-appellant,** ghalkemm ammetta li kien ikabbar u jikkoltiva l-pjanta cannabis, cahad kategorikament li kien ibiegh il-haxixa kannabis u qal li qatt ma qala' xelin minnha.

**Godwin Sammut** xehed li kienu gew elevati <u>153.9 grammi piz nett totali</u> tal-weraq u dan minghajr l-eghruq u zkuk. Kien hemm hames pjanti niexfin u weraq niexef, f' post iehor go flixkun tal-hgieg, fl-istess fond. Dawn il-pjanti w weraq kienu jikkontjenu s-sustanza

*tetrahydrocannabinol* li hi kontrollata bil-ligi (ara Dok.GS esebit mall-process verbal).

Kemm l-Ispetturi **Norbert Ciappara u Pierre Grech**, u **PC10 Trevor Cassar** iddeskrivew il-mod organizzat kif l-appellant kien qed jikkoltiva l-cannabis u semmew li kien hemm *spotlights* kbar, *timers, thermometers* u xi *sheets* qieshom tal-*foil* ta' kulur *silver*. Mir-relazzjoni tal-**AIC Richard Aquilina** rrizulta li fil-fond 17, Triq id-Dejqa, Bormla, nstabu *timer, deep feed plant food*, tank, qabda qsari zghar u *potting tray*, zewg *moisture metres* u *halogen ref. Bulb* ta' 400 watts, disa qsari bix-xitla tal-cannabis u *flexible hose*. Il-bieb u t-tieqa ta' sular minnhom kienu mghottija bil-foil tal-fidda.

Ikkunsidrat;

Illi kien fuq dawn il-provi li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-pussess tal-pjanti u l-weraq tal-cannabis ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Il-motiv li adduciet l-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha fir-rigward kien li l-ammont ta' cannabis misjub ma kienx wiehed baxx.

Issa huwa risaput li l-ammont tad-droga li tinstab hija wiehed mill-fatturi determinanti li l-Qrati jistghu jibbazaw fuqhom il-konsiderazzjonijiet taghhom biex jiddeciedu jekk tali pussess ikunx ghall-uzu esklussiv tal-hati jew inkellha jkunx indikativ li mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti tara li l-mod kif kien organizzat l-appellant biex jikkoltiva l-pjanta tal-cannabis u l-ammont ta' pjanti w weraq tal-piz nett ta' ta' l53.9 grammi ma kienx wiehed li jindikaw li dan qed jaghmel biex ikollu ftit tal-haxixa jhalli jpejjipha hu biss u hu ndikattiv li, minkejja c-cahda tieghu, li xi parti minn din id-droga kienet tispicca f' idejn haddiehor.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li r-ragjunament li ghamlet l-Ewwel Qorti kien wiehed mhux *safe* u *satisfactory* fic-cirkostanzi w ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tal-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999], “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.)

F’ dan il-kaz indubbjament il-piena erogata kienet taqa’ sew entro l-parametri tal-ligi w l-aggravju dwar il-piena marbut mall-ewwel aggravju tal-appellant kien biss wiehed ta’ natura akkademika, ghaliex, ladarba l-appellant instab hati tal-ewwel imputazzjoni ta’ koltivar tal-pjanta cannabis, xorta wahda seta’ jehel piena minima tassattiva ta’ sitt xhur prigunerija w wahda massima ta’ ghaxar snin prigunerija. Fil-fatt l-Ewwel Qorti ghamlitha cara li r-reat ta’ pussess aggravat kien qed jigi assorbit fir-reat ta’ kultivazzjoni taht l-ewwel imputazzjoni w ghalhekk ma erogat ebda piena *ut sic* ghas-sejbien ta’ htija taht it-tieni imputazzjoni. L-illazzjoni tal-Avukat difensur li dan is-sejibien ta’ htija fuq it-tieni imputazzjoni kien ta’ *impetus* biex tinghata piena aktar gravuza, tibqa’ biss illazzjoni w xejn aktar u hi kontradetta mill-kliem testwali tal-istess sentenza. Il-piena erogata ghalhekk kwazi tirrazenta l-piena karcerarja minima u din il-Qorti ma tara li hemm assolutament ebda lok ghall-mitigazzjoni ulterjuri fil-piena trattandosi ta’ reat hekk serju.

Ghalhekk anki t-tieni aggravju qed jigi respint.

Din il-Qorti ghalhekk qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------